MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 14/2014/1

**Joseph Tewma**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:-

1. Illi l-attur twieled fit-tlettax (13) ta' Marzu elf disa' mija u disgha u hamsin (13/03/1959) ix-Xaghra, Ghawdex u t-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku Rabat, Ghawdex bin-numru progressiv mija u sebghin tal-elf disa' mija u disgha u hamsin (170/1959) (Dok A);

2. Illi fl-att tat-twelid fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom' ta' missier it-tarbija hemm indikat illi missier ir-rikorrenti huwa Emanuel Tewma;

3. Illi fl-att taz-zwieg tal-istess rikorrenti (att numru mija u wiehed u tmenin tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (181/1985) fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom' ir-ragel mizzewweg, kunjomu gie ndikat bhala Tewma, u fil-kolonna ntestata Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin tal-Genituri tal-mizzewgin, missier ir-rikorrenti gie ndikat bhala Emanuel Tewma waqt illi omm ir-rikorrenti giet indikata bhala Teresa Tewma;

4. Illi kunjom ir-rikorrenti dejjem gie miktub bhala Teuma, tant illi fuq il-passaport Awstraljan tar-rikorrenti (Dok C) huwa gie ndikat bhala Joseph Teuma, fuq l-att tat-twelid ta' bintu Christiana registrat ukoll fir-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex (Dok E) kunjomu gie wkoll indikat bhala Teuma, kif ukoll fuq l-atti tat-twelid ta' uliedu Jason u Tracy Victoria, liema atti gew registrati f'Sydney, New South Wales, Australia (Dok F u G rispettivament).

5. Illi din id-diskrepanza bejn kif kunjom ir-rikorrenti gie ndikat fuq l-att tat-twelid u l-att taz-zwieg tieghu, u kif gie ndikat fuq l-atti civili l-ohrajn kollha qeghdha tohloq inkonvenjent u pregudizzju serju lill-esponenti u ghaldaqstant l-esponenti jixtieq illi l-kunjom Tewma jigi sostitwit bil-kunjom Teuma kull fejn jidher fuq l-istess certifikati;

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu, Att numru mija u sebghin tal-elf disa' mija u disgha u hamsin (170/1959) fis-sens li fil-kolonna 'Isem u

Kunjom' missier it-tarbija, il-kunjom 'Tewma' ghandu jigi sostitwit bil-kunjomijiet 'Teuma';

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti att numru mija u wiehed u tmenin tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (181/1985) fis-sens li fil-kolonna 'Isem u Kunjom' ir-ragel mizzewweg, il-kunjom 'Tewma' ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Teuma' u fil-kolonna ntestata 'Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin' tal-genituri tal-mizzewgin, kunjom il-genituri tar-rikorrenti ghandu jigi sostitwit minn 'Tewma' ghal 'Teuma';

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li l-attur jitlob bl-applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala 'Joseph Tewma' u mhux 'Joseph Teuma' stante li kunjom 'Teuma' ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 170 tas-sena 1959;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress illi fuq l-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti, Emmanuel, il-kunjom indikat huwa 'Teuma' u mhux 'Tewma', l-esponent ma jsibx oggezzjoni ghall-korrezzjoni ta' kunjom l-attur minn 'Tewma' ghal 'Teuma', salv pero' li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli ta' dina l-inkorrezzjoni fl-atti tal-istat civili msemmija mir-rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet:

   a. Illi kien missier l-attur stess, Emanuel Tewma, li kien ghamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-twelid de quo u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet wahda korretta;

b. Illi tali dikjarazzjoni kienet saret quddiem ufficcjal tal-pulizija, u mhux quddiem id-Direttur Registru Pubbliku illi l-kompitu tieghu huwa sempliciment li jirregistra l-att tat-twelid prezentati lill-ufficjali tal-pulizija.

4. Illi ghaldaqstant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux jigi akkollat bl-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2014.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata u dan abbazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnu ezebiti.

Jirrizulta li m'hemm l-ebda opposizzjoni ghat-talba mressqa mill-intimat.

Tqis ukoll pero' li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa imputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talbiet attrici u dan billi :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu, Att numru mija u sebghin tal-elf disa' mija u disgha u hamsin (170/1959) fis-sens li fil-kolonna 'Isem u Kunjom' missier it-tarbija, il-kunjom 'Tewma' ghandu jigi sostitwit bil-kunjomijiet 'Teuma';

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti att numru mija u wiehed u tmenin tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (181/1985) fis-sens li fil-kolonna 'Isem u Kunjom' ir-ragel mizzewweg, il-kunjom 'Tewma' ghandu jigi sostitwit bil-kunjom 'Teuma' u fil-kolonna ntestata 'Isem u Kunjom, jekk hajjin jew mejtin' tal-genituri tal-mizzewgin, kunjom il-genituri tar-rikorrenti ghandu jigi sostitwit minn 'Tewma' ghal 'Teuma';

Spejjez a karigu ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------